# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 30 ta' Settembru 2021**

Appell numru 122/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Abdul Azim Ibrahim Abdul Rahim ALAZIM**
**Gesmesit HAMZA**
**Abusali Mohammed AHMED**
**Mohammed Abdullah ABDULLAH**
**Algoni Ahmed MOHAMMED**
**Obada Mohamed IBRAHIM**
**Gaistem Hermusi ASSAYED**
**Al Taher Ahmed MOHAMED**
**Mohammad Abdullah ABDULLAH**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell magħmul minn Algoni Ahmed MOHAMMED u Al Tamer Ahmed MOHAMED minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Lulju 2020 fil-konfront ta' -Omissis-, Abdul Azim Ibrahim Abdul Rahim Alazim (detentur tan-numru tal-Pulizija 19CC – 055), Gesmesit Hamza (detentur tan-numru tal-Pulizija 19CC- 028), -Omissis-, -Omissis-, **Algoni Ahmed**

**Mohammed** (detentur tan-numru tal-Pulizija 19BB – 052), -Omissis- **Al Tamer Ahmed Mohamed** (detentur tan-numru tal-Pulizija 19BB-004) li ġew mixlija talli nhar it-12 ta' Diċembru 2019 bejn il-ħdax ta' filgħodu u s-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar, ġewwa ċ-Ċentru tad-Detenzjoni ta' Ħal Safi, Safi Barracks, Safi:

i. Volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor liema ħsara tammonta għall-aktar minn Ewro 2,500 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxar min-nies jew aktar, miġburin, bil-ħsieb li jagħmlu reat għalkemm din il-ġemgħa ma kinetx ġiet imxemxa minn xi ħadd partikolari u aktar talli din il-miġemgħa ta' nies kellha l-ħsieb li tagħmel il-fatt li sar u dan bi ksur tal-Artikolu 68(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliehomx jew fixkilhom waqt li kien qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħħlu fi dmirhom jew billi ġabu fix-xejn jew ħasru dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn id-diżubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqa' taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iv. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kisru l-bwon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u bil-ġlied jew b'xi mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

v. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurjaw jew heddew jew għamlu offiża fuq persuni nkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qedin jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Al Tamer Ahmed MOHAMED (flimkien ma' Gesmesit Hamza u Abdul Azim Ibrahim Abdul Rahim Alazim) ġie akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi:

vi. Volontarjament ta n-nar lill-bini, vettura, għarix jew lok ieħor imsemmi fl-Artikolu 316 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda meta ġewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt li wieħed setgħa jobsor illi fil-ħin tal-ħruq setgħa kien hemm xi persuna ġewwa l-bini, għarix jew lok li ħa n-nar mil-ħruq u dan bi ksur tal-Artikolu 317(a)(i) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Algoni Ahmed MOHAMMED (flimkien ma' Mohammed Ahmed Mohammed, Abusali Mohammed Ahmed, Madi Muhammed, Mustafa Mphammed Ahmed u Gaistem Hermusi Assayed) ġie akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi:

vii. Irrenda ruħu kompliċi billi b'xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lill-awtur jew lill-awturi f'li jkebbsu bin-nar lit-tinda li kienet takkomoda lill-immigranti ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni f'Ħal Safi u dan bi ksur tal-Artikolu 42(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, rat li l-imputati u ċjoe' Abdul Azim Ibrahim Abdul Rahim Alazim, Gesmesit Hamza, **Algoni Ahmed MOHAMMED** u **Al Tamer Ahmed MOHAMED** irreġistraw ammissjoni liema ammissjoni huma reġgħu kkonfermaw wara li ngħataw żmien opportun sabiex jikkonsidraw il-pożizzjoni tagħhom. Għal dawn il-motivi ikkundannat lill-Abdul Azim Ibrahim Abdul Rahim Alazim piena ta' sitt snin ħabs effettivi u multa ta' tmien mitt Ewro, lil Gesmesit Hamza, piena ta' sitt snin ħabs effettivi u multa ta' ħamest elef Ewro, u lil **Algoni Ahmed MOHAMMED** u **Al Tamer Ahmed MOHAMED**, rispettivament, piena ta' sitt snin ħabs effettivi u multa ta' tmien mitt Ewro.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellanti Algoni Ahmed MOHAMMED u Al Tamer Ahmed MOHAMED appellaw minn din is-sentenza, limitatament dwar il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata ai finijiet ta' ħtija iżda tvarjaha ai finijiet ta' piena u dan billi tingħata piena aktar xierqa u li tirrifletti ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern u dan wara li stqarrew is-segwenti:

   i. Il-piena inflitta fuq l-appellanti kellha tkun waħda ferm aktar miti u li tirrifletti ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern. In oltre, l-appellanti jikkontendu li l-Ewwel Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi meta kienet

qiegħda tirrifletti dwar il-piena in kwistjoni u ċjoe: l-ammissjoni bikrija, il-ko-operazzjoni bis-sħiħ tal-appellanti mal-Pulizija, il-vulnerabbilita' tal-appellanti li qatt ma riedu jikkawżaw ħsara iżda li huma nies li ħarbu mill-gwerra fis-Sudan u qiegħdin ifittxu ażil internazzonali f'Malta bit-tama li jkollhom opportunita' ta' futur aħjar hawn f'Malta.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi nhar it-12 ta' Diċembru tas-sena 2019, il-Pulizija fl-Għassa taż-Żurrieq daħlilhom rapport li kien tiela' duħħan iswed mill-inħawi taċ-Ċentru ta' Detenzjoni li jinsab f'Ħal Safi. Il-Pulizija distrettwali marru fuq il-post u raw li kien hemm rewwixta u l-uffiċjali tad-detenzjoni stqarrew magħhom li kienet inħarqet tinda li kienet takkomoda l-immigranti f'Blokk B taċ-Ċentru tad-Detenzjoni. Waslu wkoll il-Membri tal-Protezzjoni Ċivili sabiex jitfu n-nar. Kif il-Pulizija pprovaw jidħlu ġewwa l-blokka fejn kien hemm in-nar, xi immigranti bdew iwadbu l-ħadid u l-madum fid-direzzjoni tagħhom u bdew jagħmlu l-istorbju u jħabbtu mar-rixtellu. Minkejja li l-Pulizija tawhom ordni biex jiddesistu minn tali aġir, huma injoraw l-ordnijiet u baqgħu iwadbu l-affarijiet tant li PC 45 Alan Hayman intlaqat f'saqajh ix-xellugija u weġġa ħafif.

5. L-Uffiċjali tad-Detenzjoni stqarrew mal-Pulizija li kienu telgħu fuq il-bejt ta' Block B taċ-Ċentru sabiex jaraw għalfejn kien inqala' ħafna storbju u minn fuq il-bejt setgħu jaraw li xi immigranti kienu qedin iwaddbu l-ħadid u l-madum u jgħajtu. Kif niżlu sabiex jaraw x'kien qiegħed jiġri, fost ħafna storbju u għajjat, lemħu grupp ta' immigranti jgħajtu 'now fire now fire' u daħlu jiġru 'l ġewwa ġot-tinda. Ftit wara reġgħu ħarġu mit-tinda u kien f'dan il-mument li imbagħad raw d-duħħan tiela. Il-post li ingħata n-nar kien iservi ta' dormitorju u dak il-ħin ma kien hemm ħadd ġewwa fih. Sussegwentement, wara li l-Pulizija għamlu l-istħarriġ tagħhom fuq il-post, ġew arrestati grupp ta' immigranti b'rabta ma' dan l-inċident, fosthom Algoni Ahmed MOHAMMED u Al Tamer Ahmed MOHAMED u nbdew proċeduri kriminali fil-konfront tagħhom.

6. Illi fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Marzu 2020, Algoni Ahmed MOHAMMED u Al Tamer Ahmed MOHAMED irreġistraw ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom u l-

Qorti wissiethom bil-konsegwenzi ta’ din l-ammissjoni u prinċipalment b’referenza għall-piena oneruża li jġorru r-reati li fir-rigward tagħhom huma kienu qiegħdin jirreġistraw l-ammissjoni. Il-Qorti tal-Maġistrati tathom żmien sabiex jirriflettu fuq l-ammissjoni tagħhom sas-seduta ta’ nhar il-21 ta’ Mejju 2020 f’liema seduta huma rtiraw l-ammissjoni tagħhom.

7. Illi fis-seduta ta’ nhar it 22 ta’ Ġunju 2020, Algoni Ahmed MOHAMMED u Al Tamer Ahmed MOHAMED reġgħu rreġistraw ammissjoni fuq l-akkużi dedotti kontrihom u l-Qorti wara li reġgħet wissiethom dwar l-entita’ tal-piena li l-imputazzjonijiet fil-konfront tagħhom iġibu magħhom, iddifferiet il-kawża għall-konferma tal-ammissjoni ta’ dawk l-imputati, fosthom Algoni Ahmed MOHAMMED u Al Tamer Ahmed MOHAMED, li kienu hekk irreġistraw ammissjoni. Din l-ammissjoni ġiet ikkonfermata fis-seduta ta’ nhar it-2 ta’ Lulju 2020 u għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati mbagħad iddifferiet il-kawża għas-sentenza liema sentenza ngħatat fl-14 ta’ Lulju 2020.

**Ikkunsidrat ukoll**

8. Illi nhar il-31 ta’ Lulju 2020, iż-żewġt appellanti MOHAMMED u MOHAMED intavolaw appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fil-konfront tagħhom fejn ibbażaw l-appell tagħhom fuq il-kontestazzjoni tal-kwantita’ ta’ piena inflitta mill-imsemmija Qorti. Ġurisprudenza assodata ttenni li appell minn piena f’każ fejn l-appellant ikun irreġistra ammissjoni quddiem Qorti ta’ Ġustizzja Kriminali għandu jkun biss kemm-il darba l-piena ma tkunx hekk tirrientra fil-parametri legali. Din il-Qorti tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel qorti biss fl-eventwalita’ li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju, kwalitattivament jew kwantitattivament mhux fil-parametri legali, jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t’Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone’s Criminal Practice 2004 (supra):
>
> “The phrase ‘wrong in principle or manifestly excessive’ has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal’s general approach. It

conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

9. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa

aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta.  Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.  Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

10. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati.  F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċizzju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

11. L-appellanti jargumentaw illi l-piena inflitta ta' sitt snin priġunerija effettivi u multa ta' tmien mitt Ewro (€800) kienu eċċessivi meta jiġu kunsidrati ċ-ċirkostanzi tal-każ u ċjoe':

a) Il-fatt li l-appellanti kkoperaw bis-sħiħ mal-Pulizija;
b) L-ammissjoni bikrija tagħhom; u
c) Il-fatt li l-appellanti huma persuni vulnerabbli.

12. Qabel xejn, ir-reati li tagħhom ammettew u li ġew misjuba ħatja huma reati ta' natura serja in kwantu kien, inter alia jittratta t-tqabbid tan-nar f'Ċentru ta' Detenzjoni li jospita mijiet ta' persuni. Apparti minn hekk, dawn il-fatti jammontaw ukoll għal delitt kontra s-sigurta' tal-Gvern, li seta' ssarraf f'xi traġedja f'mument fejn f'dak il-ħin kien hemm numru ta' immigranti oħra residenti hemmhekk u persuni oħrajn. Għalkemm jirriżulta li fid-dormitorju fejn tqabbad in-nar mill-appellanti ma kinx hemm persuni fil-mument tat-tħeġġiġ tan-nar, mill-banda l-oħra ħadd ma għandu s-setgħa jipprevedi fejn nar li jkun imqabbad ikun jista' jinfirex. B'hekk dan in-nar seta' faċilment mexa għall-bnadi oħra.

13. In oltre jirriżulta f'paġna 87 tal-atti proċesswali li l-ħsarat subiti kienu jammonta għall-iktar minn sitta u tmenin elf Ewro. L-appellanti mhux talli kienu parti minn grupp ta' immigranti li qabbad in-nar iżda saħansitra bdew iwaddbu affarijiet bħal ħadid u madum fid-direzzjoni tal-Uffiċjali taċ-Ċentru tad-Detenzjoni u f'dik tal-Uffiċjali tal-Pulizija li ġew fuq il-post biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni u saħansitra ferew lill-PC 45 Alan Hayman.

14. Fir-rigward tal-fatt li l-appellanti jgħidu li huma kkoperaw bis-sħiħ mal-Pulizija, din il-Qorti tosserva kif minn kliem PC 45 Alan Hayman, l-appellanti, xorta waħda baqgħu għaddejjin iwaddbu l-ħadid u l-madum minkejja li l-Pulizija ordnawlhom sabiex jiddesistu minn tali komportament:

> Bdejna ngħidulhom biex jieqfu u ma obdewniex, ma bdewx jobdu l-ordnijiet tagħna li konna qed nagħtuhom.

15. Addirittura, wieħed mill-appellanti u ċjoe' Al Taher Ahmed MOHAMMED ġie deskritt bħala wieħed mill-imħuħ ta' wara din ir-rewwixta fix-xhieda ta' Alfred Attard f'paġna 51 tax-xhieda tiegħu. Dan ma jfissirx pero' li l-immigranti l-oħra, fosthom Algoni Ahmed MOHAMED kienu sempliċement spettaturi għax fi kliem uffiċjal ieħor ta' detenzjoni, Joseph Muscat (f'paġna 131 tax-xhieda tiegħu):

> Huma kollha ppartecipaw b'li jitfgħu l-ħadid u l-ġebel u kienu l-grupp li qalu ''Fire Fire'' u daħlu u nħarqet it-tinda.

16. Inoltre, jirriżulta wkoll li minbarra li taw in-nar kif imsemmi aktar il-fuq, jirriżulta wkoll li kien hemm ħsarat oħra li saru fil-kors ta' dan l-inċident. Hekk per eżempju l-istess Joseph Muscat jisħaq li bdew jaraw ukoll li kienu qegħdin iqaċċtu wkoll biċċiet minn ġot-tinda u minn ġos-sodod u jitfgħuhom fid-direzzjoni tagħhom. B'hekk l-

ipoteżi tar-reat tal-inċendju doluż tista' titqies li hija kumplimentari mal-ipoteżi tar-reat ta' ħsara volontarja f'dan il-każ.

17. Din il-Qorti osservat kif il-ko-operazzjoni li jinsistu fuqha l-appellanti lanqas ma tirriżulta mill-istqarrijiet li huma rrilaxxjaw lill-Pulizija hekk kif it-tnejn li huma fl-istqarrijiet rispettivi tagħhom jiċħdu l-involviment tagħhom u ma jforrnu l-ebda informazzjoni lill-Pulizija li setgħet tgħinnhom fl-investigazzjoni tal-każ. F'paġna 2 tal-istqarrija ta' Al Tamer MOHAMMED huwa jgħid hekk:

> M: Inti l-bieraħ ġejt arrestat fuq suspett li qabbadt nirien li bihom ħakmu t-tinda fejn ħafna mir-residenti mmigranti jorqdu ġo fiha ġewwa ċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Ħal Safi, x'tgħid rigward dan?
> T: Jien ma ħraqt xejn mit-tinda.
>
> M: Il-bieraħ kien hemm xi ħadd li waddab xi ħadid?
> T: Le ma rajt xejn.
>
> M: Inti taf li twaddbu xi ħadid lejn xi uffiċjali tal-Pulizija u d-detenzjoni?
> T: Le, jiena mgħamilt xejn minn dan.
> M: Int rajt lil xi ħadd iqabbad it-tinda l-bierah?
> T:Le ma rajt ħadd.

18. Bl-istess mod fl-istqarrija tiegħu Algoni Ahmed MOHAMED jgħid hekk:

> M: Int llum ġejt arrestat fuq suspett li qabad nirien li bihom ħakmu t-tinda fejn ħafna mir-residenti immigranti jorqdu fiha, x'tgħid rigward dan?
> T: Ma naf xejn.
>
> M: Ngħidlek sew li inti kont parti minn ġemgħa ta' aktar minn għaxra min-nies li qabdu tinda?
> T: Jien ma naf xejn dwar dan il-każ.
>
> M: Illum twaddbu xi oġġetti lejn xi uffiċjali tal-pulizija bħal ħadid, inti kont wieħed milli waddabt?
> T: Ma naf xejn.
> M: Jien infurmajt li xi uffiċjali rawk tqabbad it-tinda, xħa tgħid issa?
> T:Ma naf xejn.
> M: Illum weġġa pulizija billi wadbulu biċċ ħadida, taf min kien?
> T: Ma nafx.

19. In kwantu għall-ammissjoni tal-appellanti jidher li din ġiet reġistrata fit-22 ta' Ġunju 2020 u sussegwentement konfermata fir-4 ta' Lulju 2020. Meta tqis li l-kawża kontra l-appellanti nbdiet fl-14 ta' Diċembru 2019, ċertament li l-ammissjoni tagħhom ma tistax titqies li kienet waħda bikrija għaliex saret ben sitt xhur wara. Infatti, jidher

kif sa dakinhar tal-ammissjoni tagħhom, kienu diġa saru diversi seduti u kienu diġa nstemgħu diversi xhieda. F'materja ta' ammissjoni in oltre ġie ripetutament mistqarr mill-Qrati nostrana kif tibqa' dejjem diskrezzjonali fuq il-Qorti jekk tikkunsidrax temperament fil-piena għal raġuni li tkun saret ammissjoni bikrija u dan wara li tikkunsidra l-fattispecie tal-każ u ċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-andament tal-kawża.

20. Dan ifisser illi ma jkunx awtomatiku li l-akkużat jibbenefika minn mitigazzjoni fil-piena minħabba li huwa jkun hekk irreġistra ammissjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Grazio Calleja** deċiża nhar is-16 ta' Mejju 2001 stqarret hekk:

> Għalhekk kienet fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-ewwel Qorti jekk tikkunsidrax tali ammissjoni għal fini ta' xi tnaqqis fil-piena. Bħal ma dejjem ingħad, mhux kull ammissjoni awtomatikament, jew bi dritt, iġġib magħha tnaqqis fil-piena. Kull każ għandu l-fattispeċie tiegħu w jekk tingħatax xi mitigazzjoni fil-piena jew le, anke meta jkun hemm ammissjoni fl-istadju bikri ta' xi proċeduri, dan dejjem jibqa' fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

21. L-appellanti jippretendu wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha timponi piena aktar miti fil-konfront tagħhom għar-raġuni li huma kienu nies vulnerabbli li ġew f'Malta sabiex jaħarbu mill-gwerrer u sabiex jibdew futur ġdid seren f'pajjiżna. L-appellanti jinsistu wkoll li huma qatt ma riedu jikkawżaw ħsara lil xi ħaġa jew lil xi ħadd. Din il-Qorti tista' tifhem l-istat ta' vulnerabilita' ta' persuni li jkunu ħallew pajjiżhom u vjaġġaw f'kundizzjonijiet imwegħra sabiex jaslu f'post li jkun jista' joffrilhom kenn u possibilment futur aħjar. Tifhem ukoll d-Detenzjoni li kienu fiha kienet ta' piż fuqhom u li setgħu ħassew il-ħtieġa li jipprotrestaw il-kondizzjonijiet li kienu jinsabu fihom jew favur il-fatt li riedu li jiġu meħlusa mid-Detenzjoni.

22. Iżda mill-banda l-oħra ma jfissirx li dawn id-diffikultajiet kienu b'xi mod jintitolahom li jirvellaw u saħansitra jagħtu n-nar liċ-Ċentru tad-Detenzjoni u li jirribellaw bit-twaddib ta' affarijiet li jweġġgħu kontra Uffiċjali tal-pulizija u l-Uffiċjali taċ-Ċentru ta' Detenzjoni li wara kollox kienu qiegħdin jagħmlu xogħolhom skont il-liġi. Ċertament li dan mhux il-mod ta' kif huma jistgħu jassikuraw futur aħjar għalihom u għall-familji tagħhom għaliex tali aġir jista' jġibhom biss fl-inkwiet kif fil-fatt ġara.

23. Apparti minn hekk f'dan il-każ l-appellanti appellaw minn sentenza ta' Qorti ta' Maġistrati (Malta) meta huma kienu **irreġistraw ammissjoni volontarja u nkondizzjonata** għall-

imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom. Il-Qorti tal-Maġistrati saħansitra, wara li wissiethom bil-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħhom in termini ta' piena, ma staqsiethomx jekk kinux qiegħdin jerġgħu jtennu l-ammissjoni tagħhom **dak il-ħin stess** - kif ġeneralment jiġri fil-kawżi fejn tiġi reġistrata ammissjoni ai termini tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali - iżda ddifferiet is-seduta għax-xahar ta' wara u dan għall-iskop tal-konferma tal-ammissjoni. Għaldaqstant, l-appellanti kellhom żmien sabiex jirriflettu fuq l-ammissjoni tagħhom qabel ma effettivament jikkonfermawha. F'dan ir-rigward, Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, stqarret hekk:

> Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, **meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi**.[1] Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

24. Illi in linea mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Serag F.H. Ben Abid**, din il-Qorti tqis illi l-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ċjoe' dik ta' sitt snin priġunerija effettivi piu' multa ta' tmien mitt Ewro (€800) fil-konfront ta' kemm MOHAMMED kif ukoll MOHAMED hija wisq qrib il-minimum assolut li setgħet tipprefiġġi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ meta tqis id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17, 31, 325(1)(a), 68(2)(3), 338(dd), 338(ee), 95 u 317(a)(i) tal-Kodiċi Kriminali u dan minkejja li hemm aspetti dwar dawn ir-reati li ma ġewx sorretti bi provi konkreti, u li mhux possibbli li jsir kalkolu bi preċiżjoni matematika tal-pieni kollha imponibbli b'mod partikolari dawk li jaqgħu fit-termini tal-artikoli 325(1)(a) u 95 tal-Kodiċi Kriminali. B'hekk l-eżerċizzu tal-kalkolu tal-konkors tal-pieni fl-istat attwali tal-atti jsir diffiċli. Iżda minkejja dan jiġi ribadit li l-perjodu ta' sitt snin priġunerija huwa qrib wisq għall-minimu imponibbli u żgur ma jersaqx lejn il-massimu li setgħu jeħlu f'każ ta' din ix-xorta.

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.

25. Għal dak li jirrigwarda l-multa, din hija tassattiva ai termini tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali li tipprefiġġi multa ta' mhux inqas minn tminn mitt euro izda mhux iżjed minn ħamest elef Ewro. B'hekk il-piena ta' tminn mitt euro (€800) tirriżulta li hija fil-minimum tagħha kwantu għal dak li jirrigwarda l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali.

26. Iżda mill-banda l-oħra ġaladarba f'dan il-każ seħħet ħsara volontarja lil proprjeta pubblika - li jirriżulta li hija kompatibbli mal-imputazzjoni tal-ħruq b'perikolu komuni għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq - il-Qorti riedet ukoll tara li, minbarra li tassattivament iżżid il-piena imsemmija fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali bi grad jew tnejn, kellha wkoll timponi multa ekwivalenti għall-ħsara li tkun saret. F'dan il-każ ma jirriżultax li dan sar u mill-banda l-oħra ma sarx appell mill-Avukat Ġenerali biex b'hekk din il-Qorti hija marbuta bil-piena li ġiet komminata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ma tistax tibdilha "in peius". Jekk xejn jirriżulta li hija piena miti meqjusa l-parametri tal-pieni previsti mill-Liġi f'każ ta' din ix-xorta.

27. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-aggravju tal-appellanti.

# Deċide

Konsegwentement, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**